**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Ambrose Zammit**

**Kumpilazzjoni numru 472/2013**

**Illum 25 ta' Frar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ambrose Zammit** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 368677 (M) billi huwa akkuzat talli fil-15 ta' Lulju 2012, ghall-habta tal-12:15 hrs gewwa Triq il-Kbira, Mellieha:

1. Waqt li kien qed isuq vettura numru JBE 764 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Natalie Brincat skont kif iccertifika Dr. S. Brata Das M.D. Reg. 2141 mill-Mater Dei Hospital.

2. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dominic Brincat skont kif iccertifika Dr. S. Brata Das M.D. Reg. 2141 mill-Mater Dei Hospital.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 3 ta' Marzu, 2014 (esebita *a fol.* 66 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-Artikolu 226(1)(a) b'riferenza ghall-fatti imsemmija fl-Artikolu 225(1) u l-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 226(1)(c) b'riferenza ghall-fatti imsemmija fl-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 30(1)(b), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**<u>Il-*fatti specie* tal-kaz</u>**

Dan il-kaz imur lura ghall-incident bejn karozza u mutur li sehh fil-15 ta' Lulju 2012 ghall-habta ta' 12:15 ta' wara nofs inhar gewwa Triq il-Kbira, l-Mellieha. F'dan l-incident indarbu Nathalie Brincat u Dominic Brincat.

Il-Qorti se tislet partijiet relevanti li taw ix-xhieda li kienu involuti fl-incident, t-tabiba li ccertifikat il-griehi li soffrew dawk li ndarbu u dak li stqarr is-surgent li mar ihejji r-rapport fuq il-post tal-incident.

Ix-xhud l-*parte civile* **<u>Dominic Brincat</u>** (*a fol.* 28 *et seq*.) xehed nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju, 2013:

Qorti Sinjur ha naghmillek referenza ghall-istatement li rrizulta mill-okkorrenza tal-pulizija, il-Qorti qed taghmel referenza ghal fol 4 tal-Process. Jirrizulta mir-rapport tal-pulizija li inti ghidtlu hekk lill-pulizija "kont sejjer lejn ic-centru tal-Mellieha, kont qed naqla l-vetturi bol-mod peress li kienu qishom weqfin jew jimxu zewg passi u jieqfu u rajt il-bonnet u kaxkarna". Mela ha nsaqsik rigward xi haga partikulari minn dan l-istatement li ghadu kemm inqara lilek, "kont qed naqla l-vetturi bil-mod peress li kienu qishom weqfin", x'ghandek xi tghid fuq dan?

Xhud: Jien dhalt nghidlu l-ghassa lura meta hrigt mill-ghassa minghajr statement ghax konna tlajna wara, mhux dak il-hin ahna ghax kienu haduna l-isptar u tlajt xi gimgha wara naghmel l-istatement u lill-Ispettur ghidtlu, hrigt mill-ghassa u ergajt dhalt ghidltu "Spettur dik il-karta mhix qieghda tajba".

Qorti: Jigifieri inti ma taqbilx am dan li hawn hawnhekk?

Xhud: Ghidltu, qalli "imma ahna hekk innizluha" overtaking qalli, qieghda mnizzla overtaking?

Qorti: Kont qed naqla.

Xhud: Ghidtlu "jien ma naqbilx mieghek", qalli "ghax hekk tigi bil-mutur overtaking", ghidtlu ma naqbilx u ma nehhihiex. Fil-fatt lill-Ispettur ghidtlu jiena.

Fl-istess seduta xehdet **Nathalie Brincat** (*a fol.* 36 *et seq.*):

Qorti: Sewwa, x'tista' tghidilna kif sehh dan l-incident jekk joghgbok sinjura?

Xhud: L-incident ma tantx nista' nghidlek ghax jiena pillion ma toqghodx taghti kaz il-manuvri tas-sewwieq.

**PS 820 Jonathan James Vella** (*a fol.* 54 *et seq.*), s-surgent li hejja r-rapport dwar l-incident, xehed fil-11 ta' Novembru 2013:

Qorti: Qed tigi muri dokument a fol. 6 ta' l-process, x'tista' tghidilna jekk joghgbok fuq dan?

Xhud: Din l-isketch ghamiltu jiena stess meta fil-15 ta' Lulju kelli habta fi Triq il-Kbira ma' Triq il-Fortizza. Kienet involute vettura JBE 764 ma' mutur. Il-mutur kien iccqalaq minn fuq il-post u ttiehed fil-genb ta' t-triq.

[…]

Difiza: Issa din li caqalqu l-vettura qabel ma tigi l-pulizija hija fin-norma?

Xhud: Generalment ihalluhom hemmhekk sabiex isir l-isketch u jkun kollox innotat x'hemm u x'ma hemmx. Fuq dan l-incident partikolari ma kienx hemm point of impact, pero' fuq dan l-incident ma kienx innotat peress li ma kienx hemm.

Ix-xhud **Dr. Satya Barata Das** (*a fol.* 23 *et seq.*) xehdet nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju, 2013:

> Nathalie Brincat ID Card number 548649M she attended Mater Dei Emergency Department fifteenth (15) of July two thousand and twelve (2012) at six (6:00) pm. She was involved in a motor vehicle accident suffered a trauma over the left leg, left ankle and left foot. We took an X-Ray and showed she had a fracture medial malleolus of the left ankle and the nature of the injury was grievous.
>
> [...]
>
> The other person Dominic Brincat ID Card number 912846 appeared at Mater Dai Hospital fifteenth (15) July two thousand and twelve (2012), I saw him at six (6:00) pm, he was involved in a motor vehicle accident, he sustained trauma under left leg and the left foot and there was a lacerated wounds over the left ankle, I sutured the wounds, X-Ray showed no fractures, I wrote down nature of injuries slight save complications.

L-imputat **Ambrose Zammit** xehed (*a fol.* 212 *et seq.*) nhar it-2 ta' Frar 2015:

> Jien kont sejjer ix-xoghol, waqaft fit-triq li taghti ghal main road, u fil-main road kien hemm it-traffic kienu weqfin kien hem mil-karozzi weqfin. U jien ridt nikser lejn in-naha tal-lemin u n-nies peress li jkun hemm it-traffic fuq quddiem ukol jhallu is-side street miftuha biex ma jzommux traffic iehor. Issa jien harist 'l isfel u kien hemm filliera ta' karozzi. Harist 'l isfel u harist mill-mera ghax kien hemm mera.
>
> […]

> Faccata biex turi ghax peress li hemm bendjatura f'dik it-triq li gara l-accident jkun hemm mera biex tara sew, u harist'l fuq u 'l fuq kien hem mil-karozzi telghin 'l fuq weqfin ukoll. U nezlin 'l isfel jien ma stajtx nara sew allura ergajt harist 'l isfel u kien hem mil-karozzi ghadhom weqfin u dan infatti ghamilli sinjal tal-karozza biex nghaddi imma xorta ma qadtx fuq is-sinjal tieghu u harist u hrigt sal linja tan-nofs biex nghidlek id-dritt mill-istop sign hrigt, hrigt sal-linja tan-nofs.
>
> […]
>
> U jien peress li kien hemm it-traffic 'l fuq minn naha ta' fuq ukoll ma stajtx nara n-nies il-karozzi li nezlin 'l isfel u hrigt sal-linja tan-nofs, u bdejt inhares daqsxejn 'l fuq u kelli nohrog naqra 'l barra bil-moghod, u bdejt nhares 'l fuq jigifieri qbadt it-triq it-tajba li suppost tinsel 'l isfel. Fid-daqqa u l-hin dan sibt mutur quddiemi. Kien wrong side ilqattu u inqaleb mhux vera kont ghaddej gas down kif qed jghid hu u hemm xi fatti li nahseb li juru li qed nghid il-verita' heqq inzilt naghtih l-ghajnuna kien hemm wiehed tajtu l-flus biex jixtri l-ilma, u ghandikun anke xtara xi silg jekk niftakar sew.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

### INCIDENTI TAT-TRAFFIKU

Illi l-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din l-Onorabbli Qorti hu sa fejn jista' jinghad illi kien hemm xi negligenza ta' xi hadd mill-partijiet jew mit-tnejn illi seta' kien fattur kontributorju ghal dan l-incident.

L-awtur Taljan Mario Codagnone fil-ktieb tieghu "**Casi Pratici in Materia di Circolazione Stradali**" f'pagna 51 jghid, "*Riteniamo che allo stato attuale delle cose si imponga in anzi tutto un affermazione di principio; la stada e' di tutti. Essa e' un bene al cui utensa I cittadini tutti sono ammessi con parita' di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggior doveri da parte di coloro che la dominano alla guida di mezzi che per le loro intrinsiche caratteristiche di velocita'*

*e di potenza possono costituire anche solo per questo un imanente pericolo per la circolazzione."*

Ghalhekk, il-punt tat-tluq tal-konsiderazzjonijiet tal-esponent huwa li t-triq ghandu dritt ikun fiha kulhadd u kulhadd ghandu obbligi u doveri x'josserva mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li jinsab fihom.

Kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. James Abela**" [11.7.2002] fejn kienet citata sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri**" [15.11.1996.] Il-fatti – inkluzi il-provi indizjarji – "*circumstantial evidence*" jistghu ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "*presumptions of fact.*" These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

L-esponent proprju ghamel dawn il-"*presumptions of fact*" li johorgu mid-dinamika tal-incident.

Illi hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Vella** - 10.8.1963) u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-**Pulizija vs. J.M. Laferla**,17.6.1961).

lli f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (App. Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri**" (16.3.1961) ; "**Il-Pulizija vs. John Polidano**" (3.11.1963) ; "**Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud**" (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn.)

**ONERU TAL-PROSEKUZZJONI LI TRESSAQ L-AHJAR PROVI**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil- kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil minn jaghti affidament miz-zewg verzjonijiet u dan wara li jkun analizzat l-iskizz tal-incident li ma jaghtiex stampa ezatta, ghaliex il-mutur involut fl-incident iccaqlaq minn fuq il-post qabel wasal l-ufficjal tal-pulizija li hejja l-iskizz.

II-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.'*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi

fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

## ARTIKOLU 226 TAL-KAP 9

Il-Qorti rat li permezz tan-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 66) l-imputat ghandu jkun iggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni ohra tal-ligi nghidu ahna Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta sewqan b'mod traskurat, negligenti, bla kont jew perikoluz, stante li din ma tirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.**

Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 226 tal- Kap 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' feriti ta' natura gravi u feriti ta' natura hafifa.

Qabel dan l-Artikolu nsibu l-Artikolu 225 tal-Kap 9 li jiddisponi s-segwenti:

> *"Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ..."*

Dan il-provediment japplika wkoll f'kaz li l-feriti huma ta' natura gravi u ma jkunx hemm mewt u dan skond l-artikolu 226 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ghandna fil-kaz odjern.

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat, li huma bazikament tlieta u cioe':-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar- regolamenti; 2. kkaguna ferita ta' natura gravi; 3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

> *"Huwa mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skont l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil- professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event*

*dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

L-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione – 1127** pagna 46 jghid:- *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice liberta di valutazione".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepid tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta dell'atto;
2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3 la possibilita di prevedere.

Ghalhekk biex ikun hemm il-'*culpa*', jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

**Ikkunsidrat.**

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u l-Artikolu 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-feriti gravi li ssubixxat l-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza mmedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct* (vide Il-**Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Alfred Mifsud**, il-Qorti enuncjat t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

> *"**Sewqan traskurat (negligent driving)** hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il- kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> ***Sewqan bla kont (reckless driving)** hu deskritt fis-Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-*

*tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il- grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz (dangerous driving)*** *jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita tal-incident u l- presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id- disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi ndizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anke jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi.

U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

## <u>Is-sorpass</u>

Ir-regolamenti tat-traffiku huma cari b'mod specjali b'referenza ghall-kodici tat-traffiku fit-triq f'dak li ghandu x'jaqsam ma' *overtaking*[1]. Fi klawsoli 181, 183, 184 u 185 hemm indikat car kemm sewwieq ghandu jqis ir-riskju meta jigi biex jaqla' vettura ohra u cioe' l-periklu u l-hsara li tista' tigi kkawzata u ghalhekk gwidi ta' x'ghandu u x'ma ghandux jaghmel.

> ***181.*** *Qatt taqla' vettura ohra qabel MA TKUN CERT li tista' taghmel dan minghajr periklu ghalik jew ghal haddiehor. Oqghod attent specjalment meta jkun qed jidlam jew ikun hemm ic-cpar, ghax huwa difficli hafna li tikkalkula l-velocita' jew id-distanza.*
>
> ***183.*** *Qabel ma taqla' aghmel is-sinjal xieraq, zomm distanza tajba izda mhux eccessiva mill-vettura li tkun qed taqla' u hu postok fil-moghdija, jew naha tat-triq adattata, kemm jista' jkun malajr wara li tkun qlajt. Tidholx f'daqqa quddiem il-vettura lit kun ghadek kemm qlajt.*
>
> ***185.*** *TAQLAX VETTURI OHRA*

- *Fejn it-triq tidjieq*
- *Meta biex taghmel hekk iggieghel vettura ohra tohrog minn triqitha jew tnaqqas il-velocita'*
- *Meta ma jkunx hemm spazju bizzejjed u fejn il-vizibilita' ma tippermettix li taghmel dan minghajr periklu*
- *Meta jkun hemm hafna vetturi wara xulxin quddiemek jew xi vettura li hi stess tkun diga' qed taqla' jew li meta taqla' vettura ohra jkun perikoluz jew diffikultuz ghal dak il-hin.*

Section 38 tar-**Road Traffic Act** 1988 tar-Renju Unit jghid hekk dwar il-*Highway Code*:

---

[1] f'pagni 46 u 47

*(7) A failure on the part of a person to observe a provision of the Highway Code shall not of itself render that person liable to criminal proceedings of any kind but any such failure may in any proceedings (whether civil or criminal, and including proceedings for an offence under the Traffic Acts, the Public Passenger Vehicles Act 1981 or sections 18 to 23 of the Transport Act 1985) be relied upon by any party to the proceedings as tending to establish or negative any liability which is in question in those proceedings.*

Din il-Qorti tenfasizza li huwa ben risaput illi qabel jesegwixxi manura ta' sorpass, sewwieq ghandu jkun cert illi l-manuvra qed issir fil-mument opportun, igifieri li jkun jista' jilhaq ibattal il-karreggjata ghal min gej fid-direzzjoni opposta. Fl-istess waqt irid ikun ukoll cert illi hu u diehel lura f'postu, ma jkun ta' ebda periklu ghall-vettura li jkun issorpassa.

*"Min ikun qieghed isuq karozza m'ghandux jaghmel il-manuvra ta' overtaking minghajr ma jkun safe li ssir dik ilmanuvra. Jekk dik il-manuvra ssir barra minn zmienha u b'okkupazzjoni ta' spazju zejjed, dik il-manuvra hija hazina* ("App. Krim. **Pul. Vs T. Meilak**", Vol. 33 p4 p 723).

*Ir-responsabilita' li l-manuvra ta' sorpass tkun tajba – tant ghall-post, kemm ghall-hin kif ukoll ghall-ezekuzzjoni taghha – hija ghal kollox fuq id-driver li ser jaghmel issorpass ("***Genovese vs Wells***" 27.6.72)."*

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Gasan Mamo Insurance Limited nomine et vs Raymond Vella** (App Inf 22.06.2005PS):

*"B'danakollu hu pacifikament stabbilit illi "sewwieq ta' karozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhix necessarjament ikun responsabbli ghal kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta' lok ghal dik il-kollezjoni".*

Ziedet tghid il-Qorti tal-Appell fil-kawza **John Azzopardi vs Martin Camilleri** (App Civ 29.04.2005):

> *"Ghalhekk din il-Qorti, ma tistax taghmel, kif ghamlet bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti, li bbazat il-htija tal-kollizjoni unikament fuq il-fatt li l-konvenut kien oltrepassa l-linja immaginarja medjana tat-triq. Ghalhekk irid jigi ezaminat ukoll il-komportament tas-sewwieq l-iehor, cioe l-attur, filhin qabel u waqt li sehh l-incident biex jigi stabbilit jekk l- attur kienx jew le qieghed jezercita dik l-attenzjoni u reasonable care mistennija minnu meta huwa kien qed jimmanuvra ...".*

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Michael Balzan vs Lawrence Ciantar** (App Civ 17.02.2006):

> *Huma principji maghrufa li…Kull sewwieq ghandu jzomm proper look out u r-responsabbilta` ghall-incident tigi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa filmument meta jigu rinfaccjati bil-possibilita` ta' impatt.*
>
> *Il-'proper look out' hija ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares il quddiem jew li jkollu vizwali cara izda s-sewwieq irid ikollu "an awareness of his immediate vicinity" u cioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jigri madwaru u mhux semiplicement ihares 'il quddiem b'mod cass jew isuq bil-mod.*
>
> (Ara wkoll **P. Sptieri v. R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea v. Oreste Sammut** App 5/10/98; **Dr. Remigio Zammit Pace v. C. Grima** App Inf. 16/5/97; **A Gatt v. M. Shephard** App Inf 7/5/98).

Ghalhekk kull *driver* irid jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi li jkun fihom, bhal ma huma l-hin tal-gurnata, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontigenti (Ara **Vol XLVI pI p112**). Fin-nuqqas ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.

Inoltre il-Qorti fil-kawza **Hugh Zammit nomine vs Keith Farrugia** (28.06.2001) f'materja ta' sorpass qalet hekk:

> *"f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni lincidenti".*

Meta wiehed jaghmel surpass dan ghandu jiehu rresponsabilita' tal-istess manuvra tieghu, u dan ifisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista' jew ser tikkawza perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l-ohra tal-istess triq, tant li f'certu cirkostanzi fuq elenkati fil-**Highway Code**, u kkonfermati fil-gurisprudenza nostrali, huwa imprudenti li tigi ttentata l-istess manuvra. Fil-fatt f'kaz ta' dubju wiehed ghandu jiddesisti milli jaghmel tali manuvra, stante li l-prudenza hija l-bazi tas-sewqan regolat u responsabbli.

Kif kompliet izzid is-sentenza fil-kawza **Michael Balzan vs Lawrence Ciantar noe et** (App Civ 17.02.2006):

> *"Dak li jigri f'dak il-mument (cioe sewwieq rinfaccat bil-possibilita ta' impatt) u aktar u aktar fl-agony of the collision, hu generalment irrelevanti ghal fini ta' responsabilta."*

Ghal dik li hi kawzalita' hi rilevanti l-osservazzjoni li ghamel Lord Reid:-

> *"One may find that as a matter of history several people have been at fault and that if any one of them had acted properly the accident would not have happened, but that does not mean that the accident must be regarded as having been caused by the faults of all of them. One must discriminate between those faults which must be discarded as being too remote and those which must not.*
>
> *Sometimes it is proper to discard all but one and to regard that one as the sole cause, but in other cases it is proper to regard two or more as having jointly caused the accident. I doubt whether any test can be applied generally."*
>
> (**Stapley v. Gypsum Mines Ltd** – 1953) [*Charlesworth & Percy on Negligence,* R.A. Percy 8 Edizzjoni, Sweet & Maxwell (1990) pagna 390.]

Mill-banda l-ohra jrid jittiehed ukoll in konsiderazzjoni principju iehor relevanti ghal kaz inkwistjoni cioe dak ta' negligenza kontributorja. Lord Denning spjega dan il-principju fil-kawza **Davies**:

> *"It has sometimes been suggested that an injured plaintiff is not guilty of contributory negligence unless he is under a duty of care towards the defendant...... In my opinion, it is not a correct approach.* ***When a man steps into the road he owes a duty to himself to take care for his***

***own safety, but he does not owe to a motorist who is going at an excessive speed any duty to avoid being run down. Nevertheless, if he does not keep a good lookout, he is guilty of contributory negligence.*** *The real question is not whether the plaintiff was neglecting some legal duty, but whether he was acting as a responsible man and with reasonable care……"* [*Cases & Commentary on Tort*, B. Harvey u J Marston (Pitman Publishing, 1994) pagna 146] (enfazi mizjuda).

**<u>RESPONSABILTA' GHALL-INCIDENT</u>**

Li jirrizulta mill-atti, xiehda u okkorrenza tal-pulizija huwa li l-imputat kien sejjer ix-xoghol, waqaf fit-triq li taghti ghal main road, fejn kien hemm it-traffiku, numru ta' karozzi weqfin. L-imputat ried jikser lejn in-naha tal-lemin u sar impatt ma' mutur.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda illi tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skond il-ligi.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li ... biex nuqqas ta' *proper look out* iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet... (**Pulizija vs Joseph Grech** deciza 06.06.2003).

Illi l-Qrati taghna huma cari w univoci fuq il-materja li sewwieq izomm *a proper lookout* meta jigu ghal decizjonijiet fuq griehi kawzati minn incidenti tat-traffiku. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Guzeppi Bilocca**, deciza fit-12 ta' Frar 2009:

> *"Illi dan hu kaz ta' investiment ta' pedestrian. Illi gie ritenut in subiecta materia illi l-pedestrian ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' reasonable care li tinhtieg.*
>
> *Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill- pedestrian kreata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva."*

F'sentenzi ohra mbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. *"meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Thornton**, Vol. XLV. P.iv. p.920) jew meta *"pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** Vol. XLVI. P.iv. p.765).

Wara din l-analizi fit-tul tal-gurispudenza relevanti ghal dan il-kaz, din il-Qorti aktar qieghda tasal biex tiddeciedi li s-sewwieq tal-mutur fil-kawza odjerna naqas u l-Qorti tqis li kien l-agir tieghu, il-kagun tal-incident.

**Decide**

Ghaldqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat Ambrose Zammit hati u tilliberah mill-akkuzi migjuba kontrih.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur